22003D0070

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 70/2003

ta' l-20 ta' Ġunju 2003

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u psikosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar Iż-Żona Ekonomika Ewropea kif emendata bil-Protokoll li aġġusta l-Ftehim dwar Iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 40/2003 tas-16 ta' Mejju 2003 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/984/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 rigward it-tkomplija tat-testijiet u l-provi komparattivi Komunitarji fuq iż-żrieragħ u t-tnissil ta' materjal tal-gramineae, tat-Triticum aestivum, tal-Vitis vinifera, tal-Brassica napus u tal-Allium ascalonicum skond id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/ŻEE, 66/402/ŻEE, 68/193/ŻEE, 92/33/ŻEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 21 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni- 2002/756/KE) f'Parti 2 tal-Kapitolu III ta' l-Anness I mal-Ftehim:

"22. **32002 D 0984**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni-2002/984/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar it-tkomplija tat-testijiet u tal-provi komparattivi Komunitarji fuq iż-żrieragħ u t-tnissil ta' materjal tal-gramineae, tat-Triticum aestivum, tal-Vitis vinifera, tal-Brassica napus u tal-Allium ascalonicum skond id-Direttivi tal-Kunsil 66/401/ŻEE, 66/402/ŻEE, 68/193/ŻEE, 92/33/ŻEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE (ĠU L 341, tas-17.12.2002, p. 70).

Id- dispożizzjonijiet tad- Deċiżjoni għall-fini tal-Ftehim preżenti, għandhom jinqraw bl-adattamenti kif ġejjin:

Referenzi għall-atti oħra fid-Deċiżjoni għandhom jiġu kkunsidrati relevanti ma' l-użu u mal-forma li dawn l-atti jinkorporaw fil-Ftehim."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2002/984/KE fil-lingwa ta' l-Islanda u tan- Norveġja, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 193, tal-31.7.2003, p. 3.
([2]) ĠU L 341, tas-17.12.2002, p. 70.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun implimentata fil-21 ta' Ġunju 2003, sakemm in-notifiki kollha li jaqgħu taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sessjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hi indikata.